Minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 15 ta' Novembru 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2475 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 57 li saret fit-12 ta' Ottubru 2012.

**Item 2. Mill-Minuti**

2476 (*para. 2453)* Beda x-xogħol fuq il-proġett tal-Bidwi Park. Peress li saru xi ilmenti mir-residenti li joqogħdu fejn ġej il-proġett tal-Bidwi Park rigward il-Public Convenience, ġie l-perit Edward Xerri biex jagħti spjegazzjoni dwar il-latrina għaliex dawn qed jilmentaw li din tneħħiet minn quddiem ta' ħaddieħor u tpoġġiet viċin id-dar tagħhom. Il-Perit qal li din ser tkun sitt filati 'l fuq minn wiċċ l-art. Hu ssuġerixxa li jitneħħa t-tank tal-ilma minn fuq il-bejt tal-Public Convenience. Il-bibien ser jiġu mdawra biex ma jkunux faċċata tal-bini. Rigward it-talba biex jintużaw il-flus tal-Measure 323 għal *boundary wall* tal-Measure 313, il-Kunsill qed jistenna r-risposta. Is-Segretarju staqsa lil perit Edward Scerri jekk il-flus li għad baqa' mill-proġett tal-Measure 323 humiex biżżejjed biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ kollha fil-proġett tal-Bidwi Park. Il-perit qal li dawn mhux ser iservu.

2477 *(para. 2432)* Rigward it-tender tal-*Resurfacing with hot rolled asphat* (Tarmak) taħt l-iskema tal-Public Private Partnership Scheme fil-lokalita' ta' Sannat, il-kuntrattur għamel il-garanzija għal Triq il-Falkun biss. Meta ntalab bil-miktub mis-Segretarju biex jagħmel l-garanzija fuq parti minn Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u parti minn Triq Pisoniano li kienu fl-istess tender ma riedx. Dan qal li ma jistax joqgħod jagħmel il-garanziji fuq xogħol li ma jafux meta ser isir. Is-Segretarju qal li dan ser jitlef id-dritt li jkun jista' jagħmel dawn it-toroq bil-*hot rolled asphalt*.

SANNAT

2478 *(para. 2433)* Il-World Childrens Day ser issir fit-28 ta' Novembru 2012.

2479 *(para. 2435)* Rapa Showroom Ltd. ġabu l-fanali tat-Tender tas-*Supply of light fittings for public area in Triq Skerla* – Tender 06/2012,.

2480 (*para. 2437)* Rigward it-*Tender for the supply and installation of new benches at Mgarr ix-Xini Bay,* il-kuntrattur Rapa Showrooms qed jistenna l-bankijiet jaslu minn barra.

2481 *(para.2438)* L-air conditioner fl-uffiċċju tal-impjegati tal-Kunsill ġie installat minn Clima 755 Ltd.

2482 *(para. 2439*) Ix-xogħol tal-paving works tal-playing field hu miexi. Ix-xfarijiet perikolużi li hemm fl-art ser jiġu rranġati. Il-perit kiteb fejn qal li x-xogħol ser jiġi ftit aktar mit-tender għaliex hemm il-paved area, hi ftit akbar milli kien hemm fit-tender. Kellu jsir xi xogħol minn Richard Cauchi fis-sistema tad-dawl fl-art għaliex kienet perikoluża billi saru kaxxi fl-art biex tkun tista' tissewwa l-ħsara.

2483 *(para. 2442)* Il-bankijiet tal-ġebel fl-ispazju miftuħ ta' fejn l-uffiċċju saru u ġew jiswew €400. Saru ukoll pots tal-ġebel u għandhom jitwaħħlu l-erba' arbli għal bnadar.

2484 *(para. 2445)* Iż-żbir tas-siġra ta' Triq Marsijla sar minn Emanuel Curmi fejn inġieb open skip u cherry picker biex isir ix-xogħol.

2485 Anton Zarb ġab tlett bankijiet, seba' *bollards* u *bike stand*. Rigward is-*circular bench* l-offerta tiegħu kienet għal bank ta' 2.5m *external diameter*. Hu qal li dan il-bank biex jiffitja għandu jkun ta' 3.20m *external diameter* biex joqgħod fil-post. Hu qal li dan il-bank jiġi jiswa €1,456, il-5% *Management Fee* mhix inkluża. Hu qalilna biex nemendaw il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li dan għandu jkun għal prezz tat-tender mixħuta.

2486 *(para. 2445)* Id-Dipartiment tal-Agrikultura għamel ż-żbir tas-siġar tal-Pjazza. Ġie suġġerit li s-siġra li hemm mejta tinqala' u jitħawlu oħrajn fejn hemm il-konok li ma fihomx siġar. Dwar is-siġra mejta, il-MEPA għadha ma tatniex risposta.

2487 *(para. 2454)* Rigward it-tender 07/2012 tal-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi Sannat Lions F. C. għandhom żball tal-għadd fit-*Total Annual Sum*. Huma kitbu t-total ta' €7,467.33. Fil-fatt dan irid jkun ta' €6,618.63 fis-sena. Differenza ta' €848.70 inqas mit-total li għamlu. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-Sannat Lions F. C. biex fi żmien ġimgħa jagħtu risposta jekk jaċċettawx il-kuntratt bl-ammont korrett.

2488 *(para. 2456)* Rigward il-kwotazzjonijiet għal provdiment u installazjoni ta' pots kbar u pjanti fil-pedestrian space ta' Skerla, Lawrence Borg għadu ma ffirmax il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li dan jingħata ġimgħa żmien sabiex jiffirma dan il-kuntratt. Fil-każ li dan ma jiġix iffirmat, ser jiġi kkunsidrat li mhux interessat li jagħmel ix-xogħol.

2489 *(para. 2458)* Is-siġar taż-żebbuġ li hemm fejn ir-*recreational area* tad-Daħla taċ-Ċnus ġew imdawra bil-kurduna.

2490 *(para. 2459)* Bħala Project Leader tal-proġett Measure 313 u Measure 323 ser joqgħod is-Sindku. Il-Paying Agency approvat il-ħatra.

SANNAT

**Item 3. Korrispondenza**

2491 Memo 39/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari rigward is-Servizzi ta' Contracts Manager u tal-Perit. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-perit ma jistax ikun Contract jew Project Manager tal-istess proġett.

2492 Memo 40/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Għajnuna ta' €500 lill-Kunsilli Lokali il għandhom ħames Kunsilliera u li għandhom ir-responsabilta' ta' Libreriji Lokali. Il-Kunsill irid jonfoq l-istess ammont. Dwar din saret mozzjoni.

Mozzjoni Numru 10 proposta mis-Sindku Philip Vella u sekondata mill-Kunsillier Marlene Muscat.

Aħna hawn taħt iffirmati nressqu mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Ta' Sannat japplika għal iskema ta' Fondi tal-Libreriji Lokali - Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' tal-Libreriji Lokali skont Memo 40/2012 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill hu eliġibli għal €500 u jintrabat ukoll li joħroġ l-istess ammont mill-fondi tiegħu skont l-istess Memo.

Il-Kunsill approva li japplika għal din l-iskema u joħroġ l-istess ammont ta' flus li ser tingħata mill-Gvern Ċentrali.

2494 Memo 41/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 37719 rigward kemm saru toroq f'kull lokalita', jekk it-triq saritx kollha jew le. Jekk mhux kollha, minn fejn sa fejn.

2495 Memo 42/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Responsabiltaijiet ta' Segretarju Eżekuttiv.

2496 Email miċ-Chairman tal-Malta Libraies' Council biex il-Kunsilli Lokali fil-5 ta' Diċembru 2012 jiftħu l-librerija bħala parti mil-Libraries Day. Il-Kunsill qabel li dak inhar issir attivita' ta' Story Telling għat-tfal.

2497 Cirkulari AKL Cirk 61/2012 mill-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-laqgħa għall-Kunsilliera ta' Malta u Għawdex li ser issir nhar is-Sibt, 10 ta' Novembru 2012 fil-Lukanda Dolmen Resort, il-Qawra. Reġistrazzjoni trid issir sat-2 ta' Novembru 2012.

2498 (*para. 2463)* Ir-residenti ta' Triq it-Tempju tal-Imramma ntbagħtitilhom ittra rigward it-talbiet li kien għamel il-Kunsill lill-Ministeru għal Għawdex biex il-parti l-ġdida ta' triq tingħata t-tarmak.

2499 *(para. 2499)* Rigward il-bankina biex isir tal-madum tal-konkos ta' Victoria Galea ta' 12, Triq il-Kbira ġie Charlie tal-IPSL u mar fuq il-post biex jara x-xogħol li jrid isir.

2500 Transport Malta bagħtet ittra rigward ir-reinstatement tat-trinek tal-fanali li saru fi Triq Sannat għall-fanali li ma sarx sewwa. Dawn qalu li x-xogħol irid jerġa' jsir skont l-ispeċifikazjonijiet tat-toroq. L-applikazzjoni mhux ser tingħalaq qabel isir x-xogħol sewwa. Il-Kunsill ser jibqa' responsabli għal kull danni. Galea Curmi għandhom jiġu nfurmati.

SANNAT

2501 Rigward Triq Sannat, id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp qal li t-tenders qiegħdin għal *vetting* għand id-Dipartiment tal-Kuntratti.

2502 Ittra mingħand il-Go plc rigward il-hosting u l-management tal-website. Irridu nikkuntatjaw lill-Mita u ninfurmawhom biex ikomplu bil-hosting. Irid isir IP address ġdid.

2503 Ittra mingħand il-Horses Racing Association fejn ser joganizzaw attivita' fil-festa tal-Kunċizzjoni fejn is-Sindku ta' kull lokalita' jirkeb ma' xi ġerrej fi-isfilata li ssir fil-bidu tal-attivita'. Kull Kunsill irid joħroġ €200. Il-Kunsill ma qabilx.

2504 Ittra minn  għand il-Gozo SPCA biex meta jkun hemm xi klieb abbandunati fit-toroq, il-Kunsilli Lokali jinfurmaw lill-pulizija għaliex huma ma għandhomx spazju fejn ipoġġuhom.

2505 Ittra mid-Direttur tal-Eco Gozo fejn huma aċċettaw li jagħtu estenzjoni biex jitlesta l-proġett ta' Skerla sal-31 ta' Jannar 2013.

2506 Ittra mingħand il-pulizija bix isiru laqgħat kunfidenzjali magħhom rigward attivitajiet illeċċiti tad-droga.

2507 Ittra mingħand il-MEPA li huma approvaw li l-Kunsill Lokali ta' Sannat jingħata is-somma ta' €36,459.70 mill-Urban Improvements Fund. Id-differenza jridu jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill Lokali ta' Sannat. Is-Sindku u s-Segretarju għandhom jiffirmaw dan il-kuntratt.

2508 L-Enemalta kitbet li l-bozza l-ġdida ta' Triq Cortina mhux ser tiġi konnetjata għaliex din tħarket mill-post fejn kienet approvata.

2509 Ittra mingħand Tony Bonello tal-OPAL li għamel il-Playing Field Equipment, fejn talab biex jingħata *part payment* tax-xogħol u kif ilesti x-xogħol jingħata l-kumplament tal-flus dovuti.

**Item 4. Ftuh tal-kwotazzjonijiet**

2510 Infetħu l-kwotazzjonijiet għaż-żbir tas-siġar tal-playing field.

**Schedule of Hand Quotations**

**Quotations for  the pruning of trees and hedges at Ta' Sannat Playing Field at Marsiena Street in Sannat.**

**Closing date12th  October 2012 at 12.00 p.m.**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | E. L. C. | € 2,035.50 |
| 2. | Xerri's Garden Centre | € 499.00 |
| 3. | Joe Cauchi | € 600.00 |
| 4. | Jacob Mizzi | € 840.00 |

Il-Kunsill approva dik ta' Xerri's Garden Centre, li fil-kwotazzjoni kellu li l-Kunsill irid jipprovdi l-iskips għal materjal. Din ingħatat lilu għaliex hu jagħmel xogħol professjonali.

2511 Infetħu l-kwotazzjonijiet tal-*Perimeter chainlink fence and Galvinized steel gate in playing field.*

Schedule of Quotations

Quotations for the manufacture and installation of perimeter chainlink and galvinized steel gate at Ta' Sannat Playing Field at Marsiena Street in Sannat.

Closing date 31st October 2012 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1. | Intersteel & Fence Ltd. | € 4,569.00 |
| 2. | Joseph Zammit | € 5,867.80 |

Dwar din it-tender, il-Kunsill qabel li jara jekk jistax jagħmel il-bollards tal-konkos bħal dawk ta' Triq it-28 ta' April 1688 u jitpoġġa netting pulit.

**Item 5. Il-Milied**

2512 Il-Kunsill qabel li jsir it-tiżjin tal-Milied fi Triq Sannat u jintrama l-presepju fil-pjazza. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ma hemmx flus biex isiru l-attivitajiet tal-Milied peress li saru diversi attivitajiet oħra matul is-sena. Il-Kunsill xotra qabel li għandha toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet. Il-fistuni jridu jkunu bi tlett stilel jew qniepen.

2513 Il-Kunsill qabel li għandha ssir ħarġa tal-Milied għat-tfal bħalma sar is-sena l-oħra u jingħataw *bag* tal-ħelu.

2514 Għandha ssir ħarġa oħra tal-Milied għal kulħadd f'Għawdex.

**Item 6. Il-Business Plan 2012 -2014**

2515 Il-Kunsill approva l-Business Plan għas-sena 2012 - 2014.

**Item 7. Materja Oħra**

2516 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt tal-Mgarr ix-Xini Regional Park mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija għadu ma ġiex iffirmat. Il-Kunsill tax-Xewkija ġie nfurmat kemm-il darba sabiex dan jiġi ffirmat. Għandha ssir wirja dwar l-iskavi li instabu s'issa fil-proġett ta' Mgarr ix-Xini Regional Park. Dwar il-vetrina għal ġebla li nstabet, is-Sur Tony Pace għadu ma tagħniex informazzjoni dwarha.

SANNAT

2517 Il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet għal post ta' Impieg Inklussiv fil-Komunita biex jinpjega persuna bħala clerk/receptioninst full time (CES). Bħala bord inħatar is-Sindku, il-Kunsillier Marlene Muscat u s-Segretarju tal-Kunsill. Is-Segretarju jrid ikun ukoll Segretarju tal-Bord. Il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet. Il-Bord irid jiffissa data għal meta ser isiru l-interviews.

2518 Rigward il-pots li hemm fi Triq it-28 ta' April, il-Kusill qabel li f'dawn il-pots jitħawlu pjanti tal-ibiskus.

2519 Il-Kunsill approva li jinxtara office armchair għar-reception mingħand l-Office Club għal prezz ta' €155.

2520 Il-Kunsill qabel li tinxtara ż-żebgħa għal ħitan tal-konkos u għall-fanali tal-playing field. Ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Iskema Xogħolijiet fil-Komunita'.

2521 Is-Segretarju fakkar lill-Kunsill li l-applikazzjoni Skema Attivitajiet 2013 ser tagħlaq fit-30 ta' Novembru 2012.

2522 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hu u l-impjegati l-oħra ser jerfgħu il-vacation leave li ser jibqgħalhom għas-sena li ġejja. Il-Kunsill approva li dan il-vacation leave jitħalla għas-sena 2013.

2523 Residenti li qed fil-pjazzetta ta' Triq Skerla fejn sar il-proġett *Pedestrnaisation of Open Space at Triq Skerla* taż-żewġ siġriet lill-Kunsill.

2524 Ser issir Marathona fid-9 ta' Diċembru 2012. Is-Sindku qal li din ser tkun sponsorjata minn wieħed inġliż. Peress li ma hemmx flus is-Segretarju qal lis-Sindku biex dan l-Ingliż jagħmel dan bil-miktub.

**Item 8. Imenti**

2525 Joanne Farrugia, *Sweet Lord*, Triq Marsilja tablet biex isir tibdil tal-qsari li hemm fit-triq.

2526 Dominic Borg, St' Margaret, Triq Gerxija talab biex jitneħħew d-Double Yellow Lines minn quddiem id-dar tiegħu li saru xi jiem ilu. Hu qal li jrid jipparkja quddiem d-dar tiegħu peress li għandu persuna b'diżabilta'. Din il-persuna marret għand Transport Malta biex tilmenta u tneħħew. Dawn il-Yellow Lines u oħrajn ħadd ma jaf minn għamilhom. Issemma wkoll li saret railing fit-Triq Marsilja. Is-Sindku qal li hemm Double Yellow Lines oħra li saru snin ilu mingħajr permess. Is-Segretarju qal li hu mhux ser jerfa responsabilta' li jitħallew sinjali tat-traffiku mingħajr l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

2527 Jane Gatt , Gatt House, Triq Gerxija talbet biex faċċata tad-dar tagħha ssiru Double Yellow Lines għaliex ma tistax toħroġ bil-vetturi mil-garage tagħha. Id-double Yellow Lines li qed titlob din is-Sunjura tneħħew minn Triq Gerxija minn Transport Malta wara li sar rapport minn xi ħadd. Is-Sindku ppropona li ssir inspection fuq il-post minn Transport Malta. Il-Kunsill ma qabilx li dawn għandhom isiru għaliex il-Kunsill jista' jagħmel id-*Double Yellow Lines* f'kull triq.

2528 Issemma wkoll biex id-Double Yellow Lines fil-kantuniera fi Triq it-28 ta' April 1688 ma' Triq Sannat biex jittawlu ħalli jkun jista' jdur it-trakk tal-Coca. Dawr dan ma kienx hemm qbil.

2529 Charles Said li bejn it-Triq it-Tempju tal-Imramma u Triq Durell hemm ir-recycling bins li s-servizz mhux qed jiġi użati sewwa u qed ikun ta' nkonvenjet għal min joqgħod hemm. Qed jinxeħet ukoll il-garbage madwar il-bins u qed jintnu. Il-kuntrattur ġie kkuntatjat dwar dan l-ilment.

2530 Carmel Azzopardi, Mount Carmel, Triq Ta' Ċenċ, talab biex fuq il-bankina u taħt il-bankina jsiru għatba tal-konkos. Il-Kunsill ma jistax jagħmel turġien fit-toroq.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |